REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1709

tat-13 ta' Novembru 2018

li jispeċifika l-karatteristiċi tekniċi tal-modulu *ad hoc* tal-2020 dwar l-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol u problemi tas-saħħa oħrajn relatati max-xogħol fir-rigward tal-istħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 tad-9 ta' Marzu 1998 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

(1) Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar Qafas Strateġiku tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza fuq il-Post tax-Xogħol 2014-2020 [2], il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza li titjieb il-kwalità tal-ġbir tad-*data* statistika dwar aċċidenti u mard relatati max-xogħol, dwar esponimenti okkupazzjonali u dwar mard relatat max-xogħol. Jekk issir ripetizzjoni tal-modulu *ad hoc* dwar l-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol u problemi tas-saħħa relatati max-xogħol, li twettaq fl-1999, fl-2007 u fl-2013, dan ikun jista' jikkumplimenta d-*data* trażmessa mill-Istati Membri skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 349/2011 [3]. Barra minn hekk, jenħtieġ li r-ripetizzjoni ta' dan il-modulu tipprovdi informazzjoni dwar l-esponiment okkupazzjonali għall-fatturi ta' riskju għas-saħħa fiżika u l-benesseri mentali.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1851 [4] jispeċifika u jiddeskrivi l-oqsma ta' informazzjoni speċjalizzata ("submoduli") li jenħtieġ li jiġu inklużi fil-modulu *ad hoc* tal-2020 dwar aċċidenti fuq il-post tax-xogħol u problemi tas-saħħa oħrajn relatati max-xogħol.

(3) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tispeċifika l-karatteristiċi tekniċi, il-filtri, il-kodiċijiet u l-iskadenza għat-trażmissjoni tad-*data* skont il-modulu *ad hoc* dwar l-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol u problemi tas-saħħa oħrajn relatati max-xogħol.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-karatteristiċi tekniċi tal-modulu *ad hoc* tal-2020 dwar l-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol u problemi tas-saħħa oħrajn relatati max-xogħol, il-filtri, il-kodiċijiet li għandhom jintużaw u l-iskadenza sa meta għandhom jintbagħtu r-riżultati lill-Kummissjoni huma stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

[1] ĠU L 77, 14.3.1998, p. 3.
[2] COM(2014) 332 final, 6 ta' Ġunju 2014.
[3] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 349/2011 tal-11 ta' April 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, fir-rigward tal-istatistika dwar l-inċidenti fuq ix-xogħol (ĠU L 97, 12.4.2011, p. 3).
[4] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1851 tal-14 ta' Ġunju 2016 li jadotta l-programm ta' moduli *ad hoc*, li jkopri s-snin 2019, 2020 u 2021, għall-istħarriġ kampjunarju dwar il-forza tax-xogħol stipulat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (ĠU L 284, 20.10.2016, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Novembru 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Dan l-Anness jistabbilixxi l-karatteristiċi tekniċi, il-filtri u l-kodiċijiet li għandhom jintużaw fil-modulu *ad hoc* dwar l-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol u problemi tas-saħħa oħrajn relatati max-xogħol skedat li jitwettaq fl-2020. Dan jistabbilixxi wkoll id-dati għas-sottomissjoni tad-*data* lill-Kummissjoni.

Skadenza għat-trażmissjoni tar-riżultati lill-Kummissjoni: 31 ta' Marzu 2021.

Filtri u kodiċijiet li għandhom jintużaw għat-trażmissjoni tad-data: kif stabbilit fl-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 377/2008 ([1]).

Kolonni riżervati għall-fatturi ta' ponderazzjoni fakultattivi, li għandhom jintużaw f'każijiet ta' subkampjunar jew ta' ebda tweġiba: il-kolonni 226-229 li fihom numri sħaħ u l-kolonni 230-231 li fihom pożizzjonijiet deċimali.

(1) **Submodulu "Aċċidenti fuq il-post tax-xogħol"**

Filtru: 15 ≤ AGE ≤ 74

Isem/Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
ACCIDNUM		**Għadd ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol matul l-aħħar 12-il xahar**	(WSTATOR = 1,2)
211		*Aċċidenti fuq il-post tax-xogħol li rriżultaw f'korrimenti li ġraw fit-12-il xahar qabel il-ġimgħa ta' referenza*	jew (WSTATOR = 3-5 u EXISTPR = 1
	0	Xejn	u YEARPR u
	1	Wieħed	MONTHPR mhuwiex
	2	Tnejn jew aktar	qabel sena 1
	9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	qabel
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	il-ġimgħa ta' referenza)
ACCIDTYP		**Tip ta' aċċident fuq il-post tax-xogħol**	ACCIDNUM = 1,2
212		*Jekk l-aċċident l-aktar reċenti fuq il-post tax-xogħol kienx aċċident tat-traffiku jew le*	
	1	Aċċident tat-traffiku	
	2	Aċċident ieħor għajr tat-traffiku	
	9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	
ACCIDJOB		**Impjieg marbut mal-aċċident**	ACCIDNUM = 1,2
213		*X'kien l-impjieg meta ġara l-aċċident l-aktar reċenti fuq il-post tax-xogħol li rriżulta f'korriment*	
	1	Impjieg ewlieni attwali	
	2	It-tieni impjieg attwali	
	3	L-aħħar impjieg (għall-persuni mhux impjegati biss)	

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 377/2008 tal-25 ta' April 2008 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità fir-rigward tal-kodifikazzjoni li għandha tintuża għat-trażmissjoni ta' *data* mill-2009 'l quddiem, u l-użu ta' subkampjun għall-ġbir ta' *data* dwar il-varjabbli strutturali u d-definizzjoni tal-kwarti ta' referenza (ĠU L 114, 26.4.2008, p. 57).

Isem/Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
	4	Xi impjieg ieħor jew impjieg fil-passat	
	9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	
ACCIDBRK		**Durata ta' assenza mix-xogħol minħabba l-aċċident fuq il-post tax-xogħol**	ACCIDNUM = 1,2
214-215		*Għadd ta' jiem kalendarju - minbarra l-jum tal-aċċident - fit-12-il xahar qabel il-ġimgħa ta' referenza li matulhom il-persuna ma setgħetx taħdem minħabba l-aċċident l-aktar reċenti fuq il-post tax-xogħol li rriżulta f'korriment*	
	00	Għadha ma daħlitx għax-xogħol għax għadha ma rkupratx mill-aċċident, imma mistennija terġa' tidħol għax-xogħol aktar 'il quddiem	
	01	Mhix mistennija li qatt terġa' tidħol għax-xogħol minħabba f'dan l-aċċident	
	02	Inqas minn jum jew ebda ħin barra x-xogħol	
	03	Mill-inqas jum imma inqas minn erbat ijiem	
	04	Mill-inqas erbat ijiem imma inqas minn ġimagħtejn	
	05	Mill-inqas ġimagħtejn imma inqas minn xahar	
	06	Mill-inqas xahar imma inqas minn tliet xhur	
	07	Mill-inqas tliet xhur imma inqas minn sitt xhur	
	08	Mill-inqas sitt xhur imma inqas minn disa' xhur	
	09	Bejn disa' u tnax-il xahar	
	99	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	

(2) **Submodulu "Problemi tas-saħħa relatati max-xogħol"**

Filtru: 15 ≤ AGE ≤ 74

Isem/Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
HPROBNUM		**Għadd ta' problemi tas-saħħa relatati max-xogħol matul l-aħħar 12-il xahar**	(WSTATOR = 1,2) jew
216		*Problema/i fiżika/ċi jew mentali li sofriet il-persuna fit-12-il xahar qabel il-ġimgħa ta' referenza li kienet/kienu (i)kkawżata/i jew marret/marru għall-aqħar minħabba x-xogħol minbarra aċċident(i) fuq il-post tax-xogħol li ġie/ġew reġistrat(i) qabel*	(WSTATOR = 3-5 u EXISTPR = 1)
	0	Xejn	
	1	Wieħed	
	2	Tnejn jew aktar	
	9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	

Isem/Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
HPROBTYP		**Tip ta' problema tas-saħħa relatata max-xogħol**	HPROBNUM = 1,2
217-218		*Tip tal-aktar problema serja tas-saħħa kkawżata jew li marret għall-agħar minħabba x-xogħol*	
	00	Problemi tal-għadam, tal-ġogi jew tal-muskoli li prinċipalment jaffettwaw l-għonq, l-ispallejn, id-dirgħajn jew l-idejn	
	01	Problemi tal-għadam, tal-ġogi jew tal-muskoli li prinċipalment jaffettwaw il-ġenbejn, l-irkopptejn, ir-riġlejn jew is-saqajn	
	02	Problemi tal-għadam, tal-ġogi jew tal-muskoli li prinċipalment jaffettwaw id-dahar	
	03	Problemi tan-nifs jew tal-pulmuni	
	04	Problemi tal-ġilda	
	05	Problemi tas-smigħ	
	06	Stress, depressjoni jew ansjetà	
	07	Uġigħ ta' ras u/jew strapazz tal-għajnejn	
	08	Mard tal-qalb jew attakk tal-qalb, jew problemi oħra fis-sistema taċ-ċirkolazzjoni	
	09	Mard infettiv (virus, batterji jew tip ieħor ta' infezzjoni)	
	10	Problemi fl-istonku, fil-fwied, fil-kliewi jew fis-sistema diġestiva	
	11	Tipi oħra ta' problemi tas-saħħa	
	99	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	
HPROBLIM		**Problema tas-saħħa li tillimita l-attivitajiet ta' kuljum**	HPROBNUM = 1,2
219		*Jekk l-aktar problema tas-saħħa serja kkawżata jew li marret għall-agħar minħabba x-xogħol tillimitax l-abbiltà li jitwettqu l-attivitajiet fil-ħajja ta' kuljum fuq il-post tax-xogħol jew barra mill-post tax-xogħol*	
	0	Le	
	1	Iva, sa ċertu punt	
	2	Iva, b'mod konsiderevoli	
	9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	
HPROBJOB		**Impjieg marbut mal-problema tas-saħħa**	HPROBNUM = 1,2
220		*Impjieg li kkawża jew li minħabba fih marret għall-agħar il-problema l-aktar serja tas-saħħa.*	
	1	Impjieg ewlieni attwali	
	2	It-tieni impjieg attwali	
	3	L-aħħar impjieg (għall-persuni mhux impjegati biss)	
	4	Xi impjieg ieħor jew impjieg fil-passat	
	9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	

Isem/Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
HPROBBRK		**Durata tal-assenza mix-xogħol minħabba problema tas-saħħa marbuta max-xogħol**	HPROBNUM = 1,2
221-222		*Għadd ta' jiem kalendarju fit-12-il xahar qabel il-ġimgħa ta' referenza li fihom il-persuna ma setgħetx taħdem minħabba l-problema l-aktar serja tas-saħħa li kienet ikkawżata jew li marret għall-agħar minħabba x-xogħol*	
	00	Għadha ma daħlitx għax-xogħol għax għadha ma rkupratx mill-problema tas-saħħa, imma mistennija terġa' tidħol għax-xogħol aktar 'il quddiem	
	01	Mhix mistennija li qatt terġa' tidħol għax-xogħol minħabba f'din il-problema tas-saħħa	
	02	Inqas minn jum jew ebda ħin barra x-xogħol	
	03	Mill-inqas jum imma inqas minn erbat ijiem	
	04	Mill-inqas erbat ijiem imma inqas minn ġimagħtejn	
	05	Mill-inqas ġimagħtejn imma inqas minn xahar	
	06	Mill-inqas xahar imma inqas minn tliet xhur	
	07	Mill-inqas tliet xhur imma inqas minn sitt xhur	
	08	Mill-inqas sitt xhur imma inqas minn disa' xhur	
	09	Bejn disa' u tnax-il xahar	
	99	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	

(3) **Submodulu "Fatturi ta' riskju għas-saħħa fiżika u/jew benesseri mentali"**

Isem/Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
PHYSRISK		**Esponiment għal fatturi ta' riskju għas-saħħa fiżika**	WSTATOR = 1,2
223-224		*Esponiment fuq il-post tax-xogħol għal wieħed mill-fatturi ta' riskju li ġejjin li jistgħu jaffettwaw is-saħħa fiżika. Identifika l-fattur li huwa kkunsidrat bħala l-ikbar riskju għas-saħħa fiżika.*	
	01	Iva, prinċipalment pożizzjonijiet li jikkawżaw l-għajja jew l-uġigħ	
	02	Iva, prinċipalment movimenti tad-dirgħajn jew l-idejn li huma ripetittivi	
	03	Iva, prinċipalment it-tqandil ta' piżijiet tqal	
	04	Iva, prinċipalment l-istorbju	
	05	Iva, prinċipalment vibrazzjoni qawwija	
	06	Iva, prinċipalment sustanzi kimiċi, trabijiet, dħaħen, dħaħen tan-nar jew gassijiet	
	07	Iva, prinċipalment attivitajiet li jinvolvu konċentrazzjoni viżwali qawwija	
	08	Iva, prinċipalment żliq, tfixkil fis-saqajn u waqgħat	
	09	Iva, prinċipalment l-użu ta' makkinarji jew għodod tal-idejn (eskluži l-vetturi)	

Isem/Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
	10	Iva, prinċipalment l-użu ta' vetturi (waqt ix-xogħol, bl-esklużjoni tal-vjaġġ lejn ix-xogħol jew t-tluq minnu)	
	11	Iva, prinċipalment fattur ta' riskju sinifikanti ieħor għas-saħħa fiżika	
	00	Ma hemmx fattur ta' riskju sinifikanti għas-saħħa fiżika	
	99	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	
MENTRISK		**Esponiment għal fatturi ta' riskju għall-benesseri tal-mentali**	WSTATOR = 1,2
225		*Esponiment fuq il-post tax-xogħol għal wieħed mill-fatturi ta' riskju li ġejjin li jistgħu jaffettwaw il-benesseri mentali. Identifika l-fattur li huwa kkunsidrat bħala l-ikbar riskju għall-benesseri mentali.*	
	1	Iva, prinċipalment ħafna pressjoni ta' ħin jew ammont żejjed ta' xogħol	
	2	Iva, prinċipalment vjolenza jew theddid ta' vjolenza	
	3	Iva, prinċipalment fastidju jew bullying	
	4	Iva, prinċipalment nuqqas ta' komunikazzjoni jew kooperazzjoni fi ħdan l-organizzazzjoni	
	5	Iva, prinċipalment kif wieħed jimxi ma' klijenti diffiċili, pazjenti, studenti, eċċ.	
	6	Iva, prinċipalment in-nuqqas ta' sigurtà tal-impjieg	
	7	Iva, prinċipalment in-nuqqas ta' awtonomija, jew nuqqas ta' influwenza fuq il-pass tax-xogħol jew il-proċessi tax-xogħol	
	8	Iva, prinċipalment fattur ta' riskju sinifikanti ieħor għall-benesseri mentali	
	0	Ma hemmx fattur ta' riskju sinifikanti għall-benesseri mentali	
	9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	